# DIKJARAZZJONI UNIVERSALI DWAR L-ARKIVJI

L-Arkivji jiddokumentaw deċiżjonijiet, azzjonijiet, u tifkiriet. L-Arkivji huma wirt waħdieni u li xejn ma jista' jeħdilhom posthom tal-patrimonju li jgħaddi minn ġenerazzjoni għal oħra. L-arkivji, sa mit-twaqqif tagħhom, għandhom l-iskop preċiż li jħarsu dan il-patrimonju. Huma għajn assoluta ta' tagħrif li jsaħħah kull azzjoni amministrattiva u jirrendiha ċara. Huma għandhom funzjoni fundamentali fl-iżvilupp ta' kull soċjetà billi jħarsu u jikkontribwixxu għall-ħarsien tal-memorja kemm individwali, kif ukoll kollettiva. L-aċċess ħieles għall-arkivji jagħni l-għerf tas-soċjetà umana, jippromwovi d-demokrazija, iħares d-drittijiet taċ-ċittadini, u jgħolli l-kwalità tal-ħajja.

**Imħabba dan kollu, nirrikonoxxu :**

- **il-kwalità unika** tal-arkivji bħala xhieda awtentika tal-attivitajiet amministrattivi, kulturali, u intellettwali, kif ukoll bħala mera tal-proċess tal-evoluzzjoni tas-soċjetà;

- **il-bżonn assolut** ta' arkivji biex isostnu l-effiċjenza, ir-responsabbiltà, u t-trasparenza f'kull qasam tas-soċjetà; biex iħarsu d-drittijiet taċ-ċittadini; biex jgħinu fil-bini tal-memorja individwali u kollettiva; biex iwasslu għall-għarfien aħjar tal-passat; u biex jiddokumentaw il-preżent ħalli dan ikun jista' jgħin fit-tfassil aħjar tal-futur;

- **id-diversità** tal-arkivji biex jirreġistraw l-attività umana f'kull qasam tal-ħajja;

- **it-tipi differenti ta' materjal** li l-arkivji jistgħu jilqgħu fihom, jiġifieri, karta, materjal elettroniku, awdjoviżiv, u forom oħra;

- **ir-rwol tal-arkivisti** bħala professsjonisti mħarrġa b'edukazzjoni bażika u kontinwa, li jgħinu s-soċjetà tagħhom billi jsostnu l-kreazzjoni u l-ġabra tad-dokumentazzjoni; billi jgħinu fil-għażla u ż-żamma tagħhom; u billi jagħmluhom disponibbili lil dawk li jridu jikkonsultawhom;

- **ir-responsabbiltà kollettiva** – jiġifieri taċ-ċittadini, tal-amministraturi pubbliċi, ta' dawk kollha li għadhom id-deċiżjonijiet f'idejhom, tal-proprjetarji jew amministraturi ta' arkivji pubbliċi jew privati, tal-arkivisti, u tal-ispeċjalisti fl-informatika – għall-immaniġġjar tal-arkivji.

**Għaldaqstant nimpenjaw rwieħna ħalli naħdmu flimkien biex:**

- **liġijiet u dispożizzjonijiet** xierqa dwar l-arkivji jkunu adottati u nfurzati f'livell nazzjonali;

- **l-immaniġġjar tal-arkivji** tkun apprezzata u ttrattata b'abbiltà mill-korpi kollha li jikkrejaw u jagħmlu użu mill-arkivji fil-ħidma u x-xogħol tagħhom, sew jew korpi pubbliċi, sew jekk privati;

- **jiġu allokati riżorsi suffiċjenti** ħalli jsostnu t-tmexxija tal-arkivji; inkluż ma' dan l-ingaġġjar ta' professjonisti mħarrġa;

- **l-arkivji jitmexxew** u jinżammu b'mod li jiżguraw l-awtentiċità, il-kredibilità, l-integrità, u l-użu tagħhom;

- **l-arkivji jsiru aċċessibbli** għal kulħadd, fil-waqt li jkunu rispettati kemm il-liġijiet rilevanti, kif ukoll id-drittijiet tal-individwi, tal-entitajiet, tal-proprjetarji, u ta' dawk li jużaw l-arkivji;

- **l-arkivji jintużaw** biex jikkontribwixxu għall-promozzjoni ta' ċittadini iktar responsabbli.